



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.5.2020
COM(2020) 209 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-
UE fl-2019**

I. Introduzzjoni

Filwaqt li aġixxiet skont l-Artikolu 214(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fl-2014 l-UE nediet l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE¹. L-għan tal-inizjattiva huwa li ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tipprovdi għajnuna umanitarja abbażi tal-ħtiġijiet filwaqt li ssaħħaħ il-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn diżastri f'pajjiżi li mhumiex fl-UE. Fl-istess waqt, l-inizjattiva tippermetti li ċ-ċittadini Ewropej juru solidarjetà man-nies fil-bżonn billi jipparteċipaw f'azzjonijiet umanitarji f'dawn il-pajjiżi.

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE fl-2019. Tħejja f'konformità mal-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) Nru 375/2014², li jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapporti annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-rapporti preċedenti għall-2014, l-2015, l-2016, l-2017 u l-2018 huma disponibbli online³.

Ir-rapport huwa bbażat fuq id-data miġbura u analizzata skont Qafas għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fl-inizjattiva. Dan il-qafas ġie mfassal u miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (Education, Audio-visual and Culture Executive Agency - EACEA), li hija responsabbli għall-ġestjoni tal-maġġoranza tal-operazzjonijiet li jitwettqu fl-inizjattiva.

II. Obiettivi u prijoritajiet

L-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport kienu msejsa fuq il-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2019 għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE adottata mill-Kummissjoni⁴ skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE) Nru 375/2014. Twarrab baġit ta' EUR 18 365 000 biex tiġi implimentata l-inizjattiva.

L-obiettiv tal-inizjattiva tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE huwa li jikkontribwixxi għat-tiġiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata lejn il-protezzjoni tal-ħajjiet, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana u l-preservazzjoni tad-dinjità tal-bniedem u għat-tiġiħ tal-kapaċitajiet u r-reżiljenza tal-komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn diżastri f'pajjiżi terzi, partikolarment permezz tat-thejgħa għad-diżastri, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri, u t-tiġiħ tal-kollegament bejn is-sokkors, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja ("l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1). Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1398/2014 tal-24 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi standards u proċeduri dwar il-voluntiera kandidati u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE (ĠU L 373, 31.12.2014, p. 8). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew tal-Għajnuna Umanitarja ("l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE") (ĠU L 334, 21.11.2014, p. 52).

² ĠU L 122, 24.4.2014, p. 1-17.

³ http://ec.europa.eu/echo/who/accountability/annual-reports_en

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)4 tal-14.1.2019 dwar il-finanzjament tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2019.

III. Azzjonijiet implimentati fl-2019

L-azzjonijiet deskritti fit-taqsimiet minn 1 sa 4 f'dan id-dokument huma delegati lill-EACEA u implimentati minnha, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni⁵.

L-EACEA hija responsabbli għas-sejthiet għall-proposti, is-sejthiet għall-offerti, il-ġestjoni ta' kuntratti u l-implimentazzjoni tal-allokkazzjoni baġitarja f'konformità mal-programmi ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni. F'termini ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni, il-Kummissjoni tibqa' direttament responsabbli għall-ħolqien u ż-żamma tan-netwerk tas-sħab u tal-voluntiera, tal-pjattaforma online u tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni.

1. Mobilizzazzjoni

L-mobilizzazzjoni tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għal proġetti umanitarji f'pajjiżi barra mill-UE joffri opportunità sinifikanti għaċ-ċittadini tal-UE u r-residenti fit-tul fl-UE biex juru s-solidarjetà tagħhom ma' dawk fil-bżonn. L-mobilizzazzjoni ta' voluntiera full-time f'pajjiżi mhux tal-UE huwa appoġġat minn volontarjat online li n-nies jistgħu jieħdu sehem f'kull fejn huma fid-dinja.


L-opportunitajiet ta' volontarjat iffinanzjati skont l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE huma ppubblikati minn konsorzji ta' organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jospitaw fuq il-Pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE⁶.

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019, 374 Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ġew skjerati għal proġetti ffinanzjati permezz tal-baġit tal-2017 u l-2018 u saru 61 kollokament ta' apprendistat matul dan il-perjodu. Il-kollokamenti ta' apprendistat jippermettu li Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jqattgħu sa 6 xhur fil-kwartier ġenerali tal-organizzazzjoni emittenti fi Stat Membru tal-UE qabel ma jintbagħtu f'pajjiż terz.


Il-grafika ta' hawn taħt turi l-għadd ta' voluntiera ppjanati skont il-proġetti ta' mobilizzazzjoni magħżula kull sena minn meta bdiet l-inizjattiva fl-2015. Is-sejħa għal mobilizzazzjoni ppubblikata fl-2019 irriżultat f'424 mobilizzazzjoni li se jseħħu fl-2020/2021.

⁵ It-tqassim tal-kompiti bejn il-Kummissjoni u l-EACEA huwa bbażat fuq *id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9189 tat-18.12.2013 li tiddelega setgħat lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura bil-ħsieb li twettaq ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' programmi tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura li jinkludu, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet imdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-allokkazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ).*


⁶ https://webgate.ec.europa.eu/echo/eu-aid-volunteers_en/



Il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għandhom diversi profili u ħiliet, li jirriflettu approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet għall-mod kif issir il-mobilizzazzjoni tal-voluntiera u kif jintgħażlu l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE potenzjali. Il-grafika ta' hawn taħt turi l-profilu professjonali l-aktar popolari li l-organizzazzjonijiet jipubblikaw fil-postijiet battala tagħhom għal voluntiera. It-tliet profili l-aktar imfittxija mill-bidu tal-inizjattiva huma (i) il-komunikazzjoni, (ii) il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u (iii) il-ġestjoni tal-proġetti.



Il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE huma ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Fl-2019 ir-rata ta' parteċipazzjoni għal kull nazzjonalità tal-voluntiera baqgħet stabbli. S'issa, kif muri fil-grafika ta' hawn taħt, il-voluntiera minn 24 Stat Membru ħadu sehem fl-inizjattiva bl-akbar numri mill-Italja, Spanja u Franza.



Sa mit-tnedija tal-inizjattiva, ġew ippubblikati 205 assenjazzjoni ta' volontarjat online, li minnhom 62 kienu fl-2019. L-aktar kompiti mitluba ta' spiss inkludew it-traduzzjoni, il-qari tal-provi u d-disinn grafiku.

Eżempji ta' volontarjat minn proġetti implimentati fl-2019⁷

Il-proġett **“Voluntiera Umanitarji fl-Azzjoni: Sfdi u Opportunitajiet”** jgħorbi flimkien żewġ organizzazzjonijiet li jibagħtu minn Franza u mis-Slovakkja li jaħdmu flimkien biex jiskjeraw 18-il Voluntier tal-Għajnuna tal-UE għal operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja f'disa' organizzazzjonijiet ospitanti fl-Albanija, il-Marokk, l-Alġerija, l-Ekwador, il-Georgia, it-Turkija. Fl-Albanija, il-proġett joffri servizzi nutrizzjonali lil gruppi vulnerabbli, bħal tfal, nies fil-bżonn u persuni b'kundizzjonijiet kroniċi fil-muniċipalità ta' Tirana.

Voluntiera tal-Għajnuna subaltern li taħdem fuq in-nutrizzjoni tikteb dwar ir-rwol tagħha fl-Albanija, fejn mexxiet sessjonijiet ta' ħidma dwar prattika tajba nutrizzjonali għat-tfal u ż-żgħażaġh b'diżabbiltà: *“Matul il-missjoni ta' volontarjat tiegħi bħala djetista, kelli l-opportunità naħdem ma' ċentri u skejjel differenti. Darba fil-gimġha mmur fiċ-ċentru “Femjet e Botes ne Shqiperi”, li jilqa' għaxar tifel u tifla wara l-iskola, u fiċ-ċentru “Fondazioni Ndihamoni Jeten” fi Prush, li jieħu ħsieb adulti żgħażaġh b'diżabilitajiet mentali, inkluż grupp partikolari li qed jitgħallem isir indipendenti kemm jista' jkun. Ma' dawn iż-żewġ gruppi kelli l-opportunità li noħloq kollegamenti u nistabbilixxi sessjonijiet ta' ħidma bbażati fuq l-edukazzjoni nutrittiva.”*

(https://webgate.ec.europa.eu/echo/eu-aid-volunteers_en/nutritional-education-food-pyramid_en)

Taħt il-proġett, **“Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għall-kapaċità ta' reżiljenza u ta' rispons ta' komunitajiet vulnerabbli permezz ta' attivitajiet ta' mobilizzazzjoni ta' bini ta' kapaċità”**, organizzazzjonijiet li jibagħtu mill-Italja u Spanja qed jaħdmu flimkien bħala sħab biex jiskjeraw 32 voluntier fi 13-il pajjiż mhux Ewropew.

Voluntier tal-Għajnuna subaltern li jaħdem fil-Filippini jikteb dwar l-esperjenza tiegħu bħala Voluntier tal-Għajnuna tal-UE fil-loġistika. Sa mill-iżbroff tal-vulkan Taal l-attivitajiet tiegħu huma ffukati fuq il-koordinazzjoni loġistika tal-operazzjonijiet ta' rispons f'każ ta' emerġenza fiż-żona:

“Bħalissa qed nimplimentaw diversi proġetti - b'komponenti ta' kenn, WASH u flus kontanti - wara s-sensiela ta' terremoti li seħħew fl-aħħar gimġat. F'dawn ix-xahrejn, kien hemm ukoll tajfun qawwi, Kammuri - l-

⁷ It-test bil-korsiv huwa xhieda minn Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE involuti fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

għoxrin wieħed din is-sena - iżda fortunatement ma kienx distruttiv daqskemm kien maħsub. Jidher li mhumiex żbaljati meta jgħidu li daww ix-xhur huma l-iktar li jkollna x'nagħmlu!"

Aktar stejjer minn fuq il-post: https://webgate.ec.europa.eu/echo/eu-aid-volunteers_en/

Is-sejħa għall-proposti tal-2019 għall-mobilizzazzjoni tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE⁸ ġiet ippubblikata fit-12 ta' April 2019 bi skadenza biex jintbagħtu sat-13 ta' Ġunju 2019. Il-mira tas-sejħa kienet il-kofinanzjament ta' proġetti għall-mobilizzazzjoni ta' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, fosthom kollokazzjoniet għal apprendisti għal professjonisti subalterni u attivitajiet addizzjonali ta' bini ta' kapaċità mwettqa mill-voluntiera. Fil-bidu, il-baġit għal din is-sejħa kien ta' EUR 10 000 000. Wara l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-baġit żdied bit-trasferiment tal-baġit allokat għall-assistenza teknika u s-sejħa għall-bini ta' kapaċità għall-proposti. Intgħażlu għaxar proġetti⁹ għall-kofinanzjament b'għotja totali tal-UE ta' EUR 11 360 700. Il-proġetti bdew f'Diċembru 2019 u se jirriżultaw fil-mobilizzazzjoni ta' 424 Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE li jibdew fl-2020. Kien hemm żieda fl-għadd ta' voluntiera proposti minn organizzazzjonijiet minn 368 fl-2018 għal 424 fl-2019.

Il-mobilizzazzjonijiet fl-2019 kienu ppjanati li jseħħu fl-Afrika (45,5 %), fl-Amerika Latina u fil-Karibew (24,8 %), fil-Lvant Nofsani (15,8 %), fl-Asja tal-Lvant (9,9 %), fl-Asja Ċentrali (3,1 %) u fil-Balkani (0,9 %).

2. L-assistenza teknika u l-bini tal-kapaċità

Il-proġetti ta' assistenza teknika u tal-bini tal-kapacità¹⁰ li huma sostnuti minn finanzjament mogħti mill-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jsaħħu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet li għandhom il-ħsieb li jimmobilizzaw Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u jiżguraw li dawn ikunu konformi mal-istandards u l-proċeduri stipulati mill-inizjattiva.

Fit-22 ta' Mejju 2019, l-EACEA ppubblikat sejħa għal proposti¹¹ bi skadenza biex jintbagħtu sal-4 ta' Lulju 2019. Is-sejħa kellha l-għan li jiġu kofinanzjati proġetti għall-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti bbażati barra mill-UE u tingħata assistenza teknika lil organizzazzjonijiet li jibagħtu bbażati fl-UE, f'oqsma bħall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, il-ġestjoni tal-voluntiera u l-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet. Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament ta' proġetti fil-programm ta' ħidma annwali tnaqqas minn EUR 4 600 000 għal EUR 3 239 300, wara t-trasferiment ta' finanzjament għall-proġetti magħżula skont is-sejħa għall-proposti għall-mobilizzazzjoni.

Intgħażlu ħames applikazzjoni (waħda għall-assistenza teknika u erbgħa għall-bini tal-kapaċità) li ngħataw kofinanzjament¹² b'għotja totali tal-UE ta' EUR 2 614 101.

B'mod ġenerali, is-sejħiet tal-2015-2019 irriżultaw fil-finanzjament ta' 32 proġett ta' bini tal-kapaċità u 13-il proġett ta' assistenza teknika, li kienu jinvolvu 440 benefiċjarju/sieħeb fi proġett.

⁸ EACEA/10/2019.

⁹ https://eacea.ec.europa.eu/sites/eacea-site/files/euav_deployment_2019_publication_results.pdf

¹⁰ L-Artikoli 10 u 15 tar-Regolament (UE) Nru 375/2014.

¹¹ EACEA 13/2019.

¹² https://eacea.ec.europa.eu/eu-aid-volunteers/selection-results/eu-aid-volunteers-technical-assistance-for-sending-organisations-capacity-building-for-humanitarian-aid-hosting-organisations-2019_en

Dawn il-proġetti għandhom l-għan li jsaħħu s-sistemi ta' ġestjoni u operat tal-organizzazzjonijiet parteċipanti u li jgħinu lill-organizzazzjonijiet involuti biex jaħdmu fi sħubija biex jimplementaw l-aħjar Prattika fl-ġhoti tal-ġhajjnuna umanitarja u fil-ġestjoni tal-voluntiera

Eżempji ta' proġetti magħżula għall-finanzjament fl-2019

Il-bini tal-kapaċità

Il-proġett **XCHANGE** jiġi promoss u implimentat minn konsorzju ta' 14-il sieħeb: Ħames organizzazzjonijiet tal-UE mill-Italja, is-Slovakkja u Spanja, u disa' organizzazzjonijiet mill-Etjopja, il-Kenja, il-Gwatemala, il-Kolombja, il-Perù u s-Serbja. L-għan ewlieni tal-proġetti huwa li l-membri jingħataw il-possibbiltà li jiġġestixxu l-voluntiera taħt l-inizjattiva Voluntiera tal-Ġhajjnuna tal-UE u li jitgħallmu mill-kondiviżjoni tal-prattika tajba fl-ġhajjnuna umanitarja, il-ġestjoni tal-volontarjat u l-iżvilupp ibbażat fil-komunità.

INPLACE huwa proġett ta' bini ta' kapaċità li jdur madwar l-isfida ta' ċaqliq sfurzat fl-Amerika Latina u ċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet ospitanti ġodda f'dak il-kontinent. Hemm żewġ organizzazzjonijiet tal-UE minn Spanja u l-Italja u 13-il organizzazzjoni minn disa' pajjiżi li mhumiex fl-UE li jipparteċipaw f'dan il-proġett ta' 24 xahar, li jgħibu magħhom l-esperjenza tagħhom u l-kapaċitajiet jitjiebu tagħhom jew jiksbu oħrajn ġodda: il-Kolombja, il-Bolivja, il-Perù, il-Brażil, il-Venezwela, iċ-Ċili, il-Honduras, il-Gwatemala, u l-Messiku.

Il-programm għandu erba' objettivi speċifiċi: (i) jiġu żviluppata kapaċitajiet għall-protezzjoni ta' popolazzjonijiet u komunitajiet vulnerabbli affettwati mill-kriżi Venezwelana u ċ-ċaqliq sfurzat; (ii) jissaħħu l-proċessi mmexxija mill-komunità fil-protezzjoni, it-tnejn u r-rispons marbuta mal-ispostament; (iii) tissaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet biex jiksbu ċ-ċertifikazzjoni tal-Voluntiera tal-Ġhajjnuna tal-UE u jippromovwu l-volontarjat lokali u online; u (iv) titrawwem sħubija fost il-membri.

Assistenza teknika

L-assistenza teknika f'rispons umanitarju, li tiżgura volontarjat internazzjonali siewi u tinkludi l-persuni b'diżabilità għandha l-għan li toħloq komunità globali ta' Prattika magħmula minn organizzazzjonijiet tal-UE li jaħdmu lejn l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-azzjoni umanitarja u l-volontarjat. Il-proġett huwa rrappreżentat minn sitt sħab tal-Konsorzju minn erba' pajjiżi tal-UE: il-Finlandja, l-Italja, il-Belġju u l-Irlanda.

Dan il-proġett jinkludi tliet għanijiet prinċipali: (i) l-organizzazzjonijiet tal-UE żiedu l-kapaċità tagħhom li jiġġestixxu u jissorveljaw proġetti ta' ġhajjnuna umanitarja inklużiva, inkluż it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-irkupru wara diżastri; (ii) xi organizzazzjonijiet tal-UE membri ta' konsorzju jiġu ċertifikati bħala organizzazzjonijiet li jibagħtu għall-mobilizzazzjoni tal-Voluntiera tal-Ġhajjnuna tal-UE u jkunu qed imexxu programmi inklużivi ta' volontarjat; (iii) l-iżvilupp ta' komunità ta' kapaċità ta' bini ta' prattiċi fl-inklużjoni, l-azzjoni umanitarja u l-volontarjat bejn il-membri, u l-kondiviżjoni ta' dan it-tagħlim mas-settur u l-pubbliku.


3. Ċertifikazzjoni

L-organizzazzjonijiet li jixtiequ jimmobilizzaw Voluntiera tal-Ġhajjnuna tal-UE jridu jkunu ċertifikati bħala organizzazzjonijiet emittenti jew ospitanti skont il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Ġhajjnuna tal-UE. Din iċ-ċertifikazzjoni tivverifika jekk l-organizzazzjonijiet parteċipanti jkunux kapaċi japplikaw l-istandards ta' ġestjoni tal-volontarjat qabel kif ukoll wara l-mobilizzazzjoni tagħhom.

Fl-2015 ġiet ippubblikata sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet li jinsabu għaddejjin sat-30 ta' Settembru 2020¹³. Sa tmiem l-2019, 282 organizzazzjoni emittenti u ospitanti ġew iċertifikati (52 emittenti u 230 ospitanti), li jipprovdu opportunitajiet biex jiġu mmobilizzati iktar Voluntiera tal-Ġhajjnuna tal-UE.

¹³ <https://eacea.ec.europa.eu/sites/eacea-site/files/certification-call-announcement-012115.pdf>

It-tabella ta' hawn taħt turi l-għadd ta' organizzazzjonijiet iċċertifikati mill-2015 sal-2019.



L-Artikolu 36(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 1244/2014¹⁴ jirrikjedi li l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jospitaw iċċertifikati jgħaddu minn ċertifikazzjoni mill-ġdid tliet snin wara li jkunu ngħataw iċ-ċertifikazzjoni. Fl-2019, 34 organizzazzjoni iċċertifikati fl-2016 kellhom jgħaddu mill-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid.

4. Programm tat-taħriġ

Il-programmi ta' taħriġ tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jitwassal minn konsorzju mmexxi minn ICF. Huwa msejjes fuq qafas ta' kompetenza stabbilit fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 1398/2014 u jingħata permezz ta' approċċ ta' taħlim konġunt li jinkludi taħlim preparatorju online u taħriġ b'għalliema fil-klassi, inklużi moduli ta' taħriġ obligatorji jew fakultattivi u eżerċizzju abbażi ta' xenarju¹⁵.

S'issa, total ta' 23 ċiklu ta' taħriġ ingħataw, tnejn fl-2016, erbgħa fl-2017, tmienja fl-2018 u disgħa fl-2019. Sa mill-2016, ġew imħarrġa 1016-il voluntier kandidat b'żieda minn sena għal sena fl-għadd ta' voluntiera kandidati mħarrġa: 96 fl-2016; 179 fl-2017; 295 fl-2018 u 446 fl-2019. Tul il-perjodu kollu tal-inizjattiva s'issa 99 % tal-voluntiera kandidati ġew iddikjarati "tajbin għall-mobilizzazzjoni" fi tmiem it-taħriġ.

Bejn l-2016 u l-2019, 72 % tal-parteċipanti kienu nisa, filwaqt li 28 % biss kienu rġiel. Barra minn hekk, 75 % tal-voluntiera kandidati kellhom profili subalterni (b'inqas minn ħames snin ta' esperjenza professjonali), filwaqt li 25 % kellhom profili superjuri (b'aktar minn ħames snin ta' esperjenza). F'dak li għandu x'jaqsam mal-pajjiż ta' oriġini, ħafna mill-voluntiera kandidati ġew mill-Italja (278), minn Spanja (220) u minn Franza (177).

¹⁴ ĠU L 334, 21.11.2014, p. 52-83.

¹⁵ L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1244/2014.

Bejn Marzu u Settembru 2019, twettqu disa' ċikli ta' taħriġ f'ċentri ta' taħriġ fl-Awstrija, fil-Belġju, fl-Italja u fin-Netherlands. B'kollox ġew imħarrġa 446 voluntier kandidat. Bħal ma ġara fis-snin ta' qabel, għadd ta' kandidati fir-riżerva attendew it-taħriġ biex jiġi żgurat li, jekk kandidati magħżula jirriżenjaw jew ma jkunux aktar disponibbli, ikunu hemm voluntiera sostituti. L-għażla finali mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu u dawk li jospitaw issir wara li jitlesta t-taħriġ.

Il-korsijiet ingħataw l-aktar bl-Ingliż u xi gruppi ġew mgħallma bil-Franċiż jew bl-Ispanjol. Il-projezzjonijiet għal mobilizzazzjonijiet futuri fl-Amerika t'Isfel u l-Afrika huma għoljin. Dan jista' jwassal għal żieda fid-domanda għal ċikli ta' taħriġ Spanjoli u Franċiżi fl-2020.


Il-voluntiera kandidati huma sodisfatti ħafna bit-taħriġ, b'punteġġ medju ta' 8.8 minn 10 punti.

5. Miżuri ta' appoġġ

Il-Pjattaforma Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE kompliet tkun ċentru għal informazzjoni relatata mal-volontarjat, billi tipprovdi dettalji dwar il-postijiet vakanti għal mobilizzazzjoni full-time u l-volontarjat onlajn. Barra minn hekk tipprovdi għodod għall-ġestjoni tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, bażi tad-data ta' voluntiera mħarrġa b'suċċess, għodod għall-ġestjoni ta' kollokament ta' voluntiera online, spazji kollaborattivi għal voluntiera u proġetti, forum pubbliku fejn jittellgħu aġġornamenti dwar l-inizjattiva, il-possibbiltà li jittellgħu stejjer minn fuq il-lant tal-volontarjat u għodod ta' rappurtar u sħarriġ. Il-pjattaforma għandha 5 806 utent attiv irreġistrat.

Il-pjattaforma hija kkonsultata minn viżitaturi minn madwar id-dinja u sa tmiem l-2019 is-servizz ta' abbonament għal postijiet battala għall-volontarjat kien jgħodd l-4 234 abbonament.

Il-grafika ta' hawn taħt turi ż-żieda qawwija fl-għadd ta' abbonati tal-avviżi ta' postijiet battala tal-pjattaforma Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.



L-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE ġiet promossa wkoll f'diversi avvenimenti, b'haġġ Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ fil-Parlament Ewropew, il-wirja itineranti tal-Kummissjoni Ewropea "EU Saves Lives" dwar ir-rispons tal-UE għall-emerġenzi, il-Jiem Ewropej għall-Iżvilupp, l-Avveniment dwar l-Għajnuna Umanitarja u għall-Iżvilupp Globali (AidEx) u l-Konferenza tas-Sħab Annwali għas-sħab tal-għajnuna umanitarja tal-Kummissjoni. Fil-Jum Internazzjonali tal-Voluntiera fil-5 ta' Diċembru ġiet organizzata wkoll sessjoni ta' informazzjoni ddedikata fl-Infopoint dwar il-Kooperazzjoni Esterna fi Brussell.

Fl-2019, il-Kummissjoni organizzat kampanja ewlenija ta' komunikazzjoni b'xhieda minn dan il-qasam fi tliet kontinenti. Il-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE fil-Kolombja, il-Filippini u t-Tuneżija kellhom l-opportunità li jaqsmu l-istejjer tagħhom, jiddeskrivu r-rwoli u l-kompiti speċifiċi tagħhom fl-implimentazzjoni tal-proġett u l-interazzjonijiet tagħhom mal-komunitajiet lokali. Il-laqgħa tal-voluntiera f'dan il-qasam ippermettiet lill-Kummissjoni biex tiġbor materjal awdjoviziv¹⁶ għal avvenimenti promozzjonali, jiġifieri l-Voluntiera Internazzjonali fil-5 ta' Diċembru. Ipprovdiet ukoll opportunità biex jinġabar feedback dwar l-esperjenza ta' volontarjat, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, u suġġerimenti ta' valur għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE.

Jitqassam fuq bażi regolari fuljett li jenfasizza l-aktar żviluppi reċenti tal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE lill-individwi u l-organizzazzjonijiet li ssottoskrivew, Fl-2019, intbagħtu seba' fuljetti¹⁷ tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE lil mijiet ta' partijiet ikkonċernati.

IV. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

L-implimentazzjoni tal-proġetti ta' mobilizzazzjoni u l-bini tal-kapaċità / l-assistenza teknika ffinanzjati fis-snin preċedenti wittiet it-triq għall-progress li sar fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE fl-2019. Fl-2019 intgħażlu għall-finanzjament għaxar proġetti ġodda ta' mobilizzazzjoni tal-voluntiera, proġett wieħed ta' assistenza teknika u erba' proġetti ta' bini tal-kapaċità. L-għadd totali ta' Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE mobilizzati f'pajjiżi mhux tal-UE sa tmiem l-2019 laħaq 706 u mill-inqas 424 oħra se jiġu mobilizzati fl-2020. Il-programm ta' taħriġ kompli jikseb rati għoljin ta' sodisfazzjon fost il-voluntiera, u aktar sessjonijiet ta' taħriġ bl-Ingliż, bil-Frañċiż u bl-Ispanjol huma ppjanati għall-2020. Madankollu, minħabba l-pandemija COVID-19, l-ippjanar għall-implimentazzjoni tal-proġetti, inkluż it-taħriġ u l-mobilizzazzjoni tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jista' jiġi affettwat serjament.

¹⁶ Uħud mill-filmati li saru fl-2019:

<https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181696>, <https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181695>
<https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181782>, <https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181684>
<https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181763>, <https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181762>
<https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181694>, <https://audiovisual.ec.europa.eu/en/video/I-181783>

¹⁷ https://ec.europa.eu/echo/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers_en

Sa mit-tnedija tal-inizjattiva, ġew iċċertifikati 282 organizzazzjoni. Għadd minn dawn l-organizzazzjonijiet ġew iċċertifikati mill-ġdid għal tliet snin oħra u dan il-proċess se jkompli fl-2020 għal organizzazzjonijiet li ngħataw ċertifikazzjoni fl-2017. Applikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni ġodda jkunu mistennija fid-dawl tas-sejħa għal proposti għall-mobilizzazzjoni kmieni fl-2020.

Fl-2019, il-Pjattaforma Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE kienet qed tintuża dejjem aktar biex jiġu ppubblikati stejjer minn voluntiera u organizzazzjonijiet (107 stejjer ġodda fl-2019). Il-Pjattaforma ġiet adattata aktar biex twieġeb għal dak li l-organizzazzjonijiet kellhom bżonn biex jimmaniġġjaw il-voluntiera tagħhom u l-prestazzjoni hija aħjar issa u aktar faċli biex tintuża. Il-Pjattaforma tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE se tkompli tinżamm u tiġi żviluppata, inkluż permezz ta' gwida aġġornata għall-utenti.

L-attivitajiet ta' komunikazzjoni se jkomplu jipprovdu informazzjoni dwar l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE u l-impatti u l-kisbiet ewlenin tagħha.

Fl-2020 se titnieda evalwazzjoni ex post li tkopri l-perjodu finanzjarju ta' seba' snin ta' implimentazzjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE: http://ec.europa.eu/echo/what/humanitarian-aid/eu-aid-volunteers_en.